A.L. 142 ta' l-2003

ATT TA' L- 2003 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2003)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi Għall-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix Lm33,833,200 5.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2023 (L-Ewwel Ħruġ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2003 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' ammont li ma jeċċedix it-Lm33,833,200 5.5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:–

Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u/jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir skond kif spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

3. Meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta għandha ssir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Borża ta' Malta.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* ma għandhiex teċċedi Lm33,833,200.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.75,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-6 ta' Jannar u fis-6 ta' Lulju ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn il-15 ta' Lulju, 2003 u s-6 ta' Jannar, 2004 jsir fis-6 ta' Jannar, 2004.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-6 ta' Lulju, 2023.